- ***SPOLL U ESPROPRJAZZJONI –***

***-ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GHAL SKOPIJIET PUBBLICI-***

***ART 3, 9, 12, 32 U 34 TAL-KAP 88.***

- ***DIKJARAZZJONI FIL-GAZZETTA TAL-GVERN U PUSSESS –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru: 23**
**Citazzjoni Numru: 875/99/RCP**

**Stella armla ta' Gorg Agius**

**vs**

**Anton Camilleri, MS & A Developments Ltd u Bonavia Bros. Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici ghandha l-pussess ta' l-ghalqa maghrufa bhala ta' Kelistu, fil-lokalita` ta' Cikkun biswit Sqaq Sigra, Triq Birkirkara, Ta' Giorni, San Giljan, liema ghalqa hija proprjeta` taghha in forza ta' kuntratt ta' divizjoni tal-15 t'Ottubru 1972 fl-ati tan-nutar Dr Giuseppe Sammut (Dok A);

Illi fl-ahhar granet ta' Marzu 1999 il-konvenuti abbuzivament u minghajr ebda jedd ghamlu xogholijiet f'parti minn din l-ghalqa u li permezz taghhom qalbu l-hajt li jifred l-ghalqa in kwistjoni minn Triq Patrick Brydon, Ta' Giorni, San Giljan, qacctu sigra antika li kienet fl-istess ghalqa, radmu hamrija u zergha, u skavaw l-art biex joholqu passagg;

Illi dan ix-xoghol jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

Illi b'rizultat ta' dan l-agir il-konvenuti kkagunaw danni lill-attrici;

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jirripristinaw il-fond ghall-istat li kien baqghu inadempjenti;

L-istess attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin meta dahlu fil-proprejta` ta' l-attrici u holqu passagg minn fuq parti mill-ghalqa maghrufa ta' Kelistu fil-lokalita` Ta' Cikkun biswit Sqaq Sigra, Triq Birkirkara, Ta' Giorni, San Giljan.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li tisabbilixxi din il-Qorti jirrintegraw lill-attrici fil-pussess tal-proprjeta` fuq imsemmija billi jirripristinawha, ghas-spejjez taghhom, ghall-istat li kienet qabel ma ghamlu x-xogholijiet ilmentati.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel dawk ix-xogholijiet kollha li huma mehtiega ghall-spejjez tal-konvenuti, taht id-direzzjoni ta' perit nominat mill-Qorti.

4. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici b'rizultat tax-xogholijiet li saru.

5. Tillikwida d-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1208/99 u 1861/99 u tal-protest gudizzjarju tat-8 t'April

1999 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 13 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 18 tal-process fejn gie eccepit:

1) Illi l-konvenut Anton Camilleri personalment mhuwiex il-legittimu kontradittur u ma ghandux interess dirett fil-kwistjoni billi x-xogholijiet fuq l-art imsemmija fic-citazzjoni saru mis-socjeta M.S. & A. Developments Ltd., li taw appalt lil Bonavia Bros. Ltd. u ghalhekk il-konvenut Anton Camilleri personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2) Illi fit-tieni lok, mhux minnu li l-konvenuti b'xi mod dahlu fuq il-proprjeta ta' l-attrici, jew li l-konvenuti ghamlu xi xogholijiet fuq l-art ta' l-attrici b'mod abbuziv. Il-konvenuti ghamlu xoghol ghal biex tinfetah it-triq kif muri fuq il-pjanta bil-kulur ahmar hawn annessa u mmarkat Dokument “MS1” u jigifieri triq li tizbokka fuq Triq Patrick Brydon. Din l-art kienet giet espropjata mill-Gvern ghal sabiex tinfetah it-triq skond il-formalitajiet kollha li tirrikjedi l-ligi hekk kif jidher mill-Avviz Numru 589 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31

ta' Lulju 1998 hawn anness bhala Dokument "MS2". Ghalhekk dak li qieghed jigi allegat mill-attrici li l-konvenuti dahlu fuq xi proprjeta ta' l-attrici huwa assolutament infondat ghax il-konvenuti dahlu fuq art li kienet giet esproprjata u mehuda mill-Gvern ghal formazzjoni tat-triq.

3) Illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghad-danni allegati mill-attrici stante li huma ghamlu x-xoghol fuq din l-art biss wara li gew awtorizzati sabiex jidhlu fuq l-art li giet esproprjata u jiffurmaw it-triq mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, skond Dokument "MS3" hawn anness.

4) Illi t-talbiet ta' l-attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti (fol 20 sa 24).

Rat il-verbali tas-7 ta' Lulju 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex jisma l-provi; tal-24 ta' Novembru 1999 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u tat-13 ta' Jannar 2000.

Rat in-nota tal-attrici tad-9 ta' Marzu 2000 fejn permezz taghha prezentat l-affidavits ta' John Farrugia, Carmel Farrugia, John Agius u Charles Hersey (fol 29 sa 39).

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu 2000 fejn xehdu Giljan Farrugia u Anton Camilleri.

Rat in-nota tal-konvenuti tat-18 ta' April 2000 fejn permezz taghha pprezentaw l-affidavit ta' Anton Camilleri u d-dokumenti hemm esebiti (fol 44 sa 50UU).

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Mejju 2000, tas-27 ta' Gunju 2000, tal-10 ta' Lulju 2000, tat-30 ta' Novembru 2000 fejn xehed l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud; tat-22 ta' Frar 2001 fejn xehdu Charles Camilleri u Albert Mamo; tal-14 ta' Gunju 2001 fejn wara li l-konvenuti u d-difensuri taghhom gew imsejha diversi drabi u baqghu ma dehrux, u peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha taghhom u lanqas biss dehru, l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001 bil-fakolta li l-partijiet jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici tal-21 ta' Awissu 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tal-20 ta' Settembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ODJERNA.

Illi l-attrici qed taghmel azzjoni ta' spoll stante li qed tallega li l-konvenuti fl-ahhar granet ta' Marzu 1999 dahlu fil-proprjeta' taghha konistenti f'ghalqa maghrufa bhala "Ta' Kalistu" fil-lokalita' ta' Cikkun biswit Sqaq Sigra, Triq Birkirkara, Ta' Giorni, San Giljan, fil-pussess u proprjeta' taghha, u ghalqu xoghilijiet f'parti minn din l-ghalqa inkluz li qalbu l-hajt li jifred l-istess ghalqa minn Triq Patrick Brydon, Ta' Giorni, San Giljan, qacctu sigra antika li kienet fl-istess ghalqa, raddmu hamrija u zergha, u skavaw l-art biex ghamlu passagg, u ghalhekk talbu sabiex l-istess konvenuti jigu kkundannati responsabbli tal-istess spoll, jigu ikkundannati jirreintegraw l-istess ghalqa fl-istat prestinu taghhom, u jigu likwidati d-danni kkawzati minhabba dan l-agir da parte tal-istess konvenuti, u fl-ahharnett l-istess konvenuti jigu kkundannati jhalsu lill-attrici l-istess ammont ta' danni likwidati.

Illi l-istess konvenuti sostnew in difiza tal-azzjoni attrici promossa kontra taghhom li l-istess Anton Camilleri ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kellu x'jaqsam xejn mal-istess xogholijiet, li saru mis-socjeta' MS & A Developments Limited, tramite l-kuntrattur is-socjeta' Bonavia Bros. Limited, u l-istess xogholijiet saru wara li l-art gie esproprjata' mill-Gvern skond Avviz Numru

589 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Lulju 1998, u wara li gew awtorizzati sabiex jidhlu fuq l-istess art permezz ta' ordni datata 11 ta' Novembru 1998 mill-Kummissarju tal-Artijiet *ai termini* ta' **artikolu 12 (3 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha taghha.

**B. <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi **John Farrugia** sostna fl-affidavit tieghu tal-11 ta' Frar 2000, li huwa jahdem ir-raba' tmiss mar-raba' in kwistjoni u fil-25 ta' Marzu 1999, ra lill-konvenut bi tlett Pulizija mieghu, u gaffa li kienet qed tahdem vicin l-istess ghelieqi; mar qal b'dan lill-iben l-attrici John Agius u lill-zijuh Carmel Farrugia u ghamel rapport l-Ghassa; fil-fatt parti mill-hajt tas-sejjiegh li jifred l-istess ghelieqi minn Triq Brydon twaqqa' fir-raba' tal-attrici, u fuq sigra kbira tal-farkizzan li tqacctet bil-piz tal-hajt, u l-ghada sab triq maghmula bit-terrapien mitfuh fuq il-hamrija, parti mill-ghalqa ta' Stella Agius u tieghu; saret ukoll hsara fil-prodott tar-raba' tieghu.

**Carmel Farrugia** xehed li n-neputijiet tieghu kienu informawh fil-25 ta' Marzu 1999 li kien hemm gaffa qed timbotta l-materjal fl-ghalqa tal-attrici, mar fuq il-post u ra lill-konvenut ma tlett Pulizija u gaffa li kienet qed timbott blat kbir u trab fl-ghalqa tal-attrici, u kawza ta' dan tqacctet is-sigra imsemmija fix-xhieda precedenti, apparti l-hajt tas-sejjiegh imsemmi. Kellem lill-Anton Camilleri u x-xoghol

waqaf ghal ftit. L-ghada fl-10.30.a.m. reggha mar il-konvenut u reggha beda ix-xoghol bil-gaffa fil-presenza tal-Pulizija u giet iffurmata triq li tghaddi minn parti mill-ghalqa tal-attrici u tkompli f'dik tan-neputijiet tieghu, li tidher immarkata bl-ittra "X" fuq ir-ritratti esebiti bhala Dok. "JA 2" u "JA 3" u t-triq baqghet hekk sa meta xehed. Il-konvenut tah Lm20 biex jirranga man-neputijiet tieghu biex huwa jixtri l-art taghhom, waqt li x-xhud kien qed jibki biex ix-xoghol ma jitkompliex. Fir-raba' tal-attrici kien hemm xghir mizrugh u gie mirdum, waqt li fir-raba' l-ohra tqactu sigar tar-rand u bajtar ta' San Gwann, patata u tewm.

Illi **John Agius** fl-affidavit tieghu tad-9 ta' Marzu 2000 sostna li huwa iben l-attrici u l-ghalqa in kwistjoni hija ta' ommu provenjenti lilha permezz ta' att ta' divizzjoni datat 15 ta' Ottubru 1972 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Zammit, u huwa jiehu hsieb u jahdem l-istess art. Illi fil-25 ta' Marzu 1999 kien gie ghalih John Farrugia li kien jahdem l-ghalqa ta' biswit, u mar fuq il-post u sab lill-Carmel Farrugia, iz-ziju ta' John Farrugia, lill-konvenut u tlett Pulizija, u gaffa li kienet qed tahdem kif sostnew ix-xhieda precedenti, u esebixxa ritratt li juri ix-xoghol li kien lahaq sar sakemm wasal huwa fuq il-post, u indika li s-sigra tal-farkizzan li tqacctet kienet thalli prodott ta' circa mitejn (Lm200) tul is-sajf apparti li wara gie mirdum b'valur ta' Lm30 xghir; ix-xoghol waqaf anke ghaliex gew il-Pulizija fuq il-post u anke l-avukat Dr. Angelo Farrugia.

Illi pero' l-istess xhud sostna li l-ghada l-istess xoghol tkompla ghaliex il-konvenuti dahlu fl-ghalqa u ffurmaw triq li ghaddiet minn parti tar-raba' ta' Farrugia u parti mir-raba' tal-attrici, u x-xoghol kien lest sal-12.30.p.m. kif jinsab indikat fir-ritratti Dok. "JA 2" u "JA 3". Illi fit-3 ta' April 1999 giet persuna sabiex tixtri l-istess art li wara ammetta li kien mibghut mill-konvenut, u fil-fatt ix-xhud iltaqa' mal-konvenut fil-11 ta' April 1999 pero' ma sar ebda ftehim. Huma qatt ma gew notifikati bl-ebda avviz mill-Gvern dwar l-esproprjazzjoni tal-istess art, u fil-fatt mill-verifiki jirrizulta li mid-Dipartiment tal-Artijiet ma kien intbaghat xejn, u triq ghadha kif saret dak in-nhar bit-terrapien u ma juza' hadd.

**Charles Hersey** xehed b'affidavit tad-9 ta' Marzu 2000 li joqghod quddiem l-istess ghalqa mertu tal-kawza odjerna u jaf li John Agius ikun jahdem fl-istess ghalqa li sostna li fil-25 ta' Marzu 1999 ra lill-konvenut flimkien ma tlett Pulizija u gaffa li tefghu il-gebel li kien quddiem id-dar tieghu ghall-gol ghalqa tal-attrici bil-konsegwenzi deskritti mix-xhieda precedenti. Peress li gie ukoll fuq il-post Karmnu Farrugia u l-avukat ta' wiehed mill-persuni li jahdmu l-ghelieqi dak in-nhar ix-xoghol ma tkompliex, pero' komplew l-ghada billi wittew it-triq kif tidher mir-ritratti indikati.

**Giljan Farrugia** xehed fil-15 ta' Marzu 2000 u kkonferma li l-istess gaffa deskritta kienet waqghet il-hajt tas-sejjiegh tal-ghalqa in kwistjoni bil-konsegwenzi gja deskritti u dan ix-xoghol sar fil-presenza tal-konvenut u tlett Pulizija li

kienu wkoll fuq il-post. Lill-konvenut ma kellmux pero' kien kellmu xi tlett' isjuf qabel.

Illi **l-konvenut** in subizzjoni fil-15 ta' Marzu 2000 sostna li x-xoghol biex ghamel it-triq sar minnu, u in kontro-ezami sostna li dan sar minnu ghan-nom tas-socjeta' MS & A Developments Limited, li taghha huwa l-uniku direttur.

Illi b'affidavit tieghu tat-18 ta' April 2000 l-istess konvenut sostna li s-socjeta' konvenuta hija proprjetarja ta' erba' (4) bicciet art fl-*area* in kwistjoni skond kuntratti pubblikati min-Nutar Pierre Cassar kif hemm indikati u esebiti bhala Dok. "MSA 1" sa Dok. "MSA 4", liema artijiet ghandhom access minn toroq kif progettati kemm fuq art tal-kumpanija stess, kif ukoll fuq art ta' terzi, w allura peress li dawn it-toroq kien ilhom progettati ghall-aktar minn 20 sena ghamel talba lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex isiru l-proceduri necessarji ghall ftuh tal-istess toroq.

Illi sabiex isir dan kien informat li kellu jaghmel kuntratt mad-Dipartiment tal-Artijiet fejn huwa kellu jhallas il-valur tal-art li fuqha kienet ser issir it-triq progettata skond valur stabbilit mill-Periti tad-Dipartiment u fil-fatt dan il-kuntratt sar fid-9 ta' Gunju 1998 kif indikat minn Dok. "MSA 5" esebit. Wara hareg l-avviz tal-Gvern tal-31 ta' Lulju 1998 fejn tali art giet esproprjata w allura ta' appalt lill-Bonavia Bros. Limited u l-protezzjoni tal-pulizja li talbu l-parir tal-

Avukat Generali qabel ma gew jaghtu l-assistenza taghhom.

Illi kien mar mal-kuntrattur assistiti mill-Pulizija darbtejn sabiex isir ix-xoghol, izda marru fuq il-post ukoll l-ahwa Farrugia, u familjari taghhom u John Agius li heddewh, u sar rapport l-Ghassa. Kiteb ittra datata 22 ta' Marzu 1999 sabiex jitlob il-protezzjoni mill-Pulizija ta' San Giljan u il-Kummissarju tal-Pulizija u fil-25 ta' Marzu 1999 mar biex jaghmel l-istess xoghol assistit minn tlett Pulizija izda minhabba diversi theddid u storbju minn dawk prezenti, tant li kellhom jitilghu membri tal-*Mobile Squad*, l-Ispettur Micallef Grimaud, is-Supretindent Ray Zammit u l-Assistent Kummisarju Alfred Abela w ix-xoghol kellu jieqaf.

Illi sadanittant inhargu rikorsi ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni wiehed fl-20 ta' April 1999 Numru 2006/99 fl-ismijiet "Paul Farrugia et vs MS & A Developments Limited, iehor numru 1861/99 fl-ismijiet "Stella armla ta' Gorg Agius vs Anton Camilleri et", u iehor numru 1208/99 fl-ismijiet "Stella armla ta' Gorg Agius vs Anton Camilleri", li gew ilkoll michuda mill-Qorti.

Illi l-esproprjazzjoni bl-avviz numru 589 li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Lulju 1998 laqtghet ukoll l-art tal-attrici kif jidher mill-pjanta Dok. "MSA 8" u hija indikata fuq l-istess pjanta bil-kulur ahmar, u l-artijiet hemm indikati gew esproprijati skond pjanti tad-Dipartiment tal-Artijiet

immarkati bhala Dok. “MSA 6” u “MSA 7” u kif maqsuma bejn l-istess sidien skond Dok. “MSA 8”. Illi f’Novembru 1998 gie awtorizzat mid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex l-istess socjeta’ tiehu pussess tal-art hekk esproprjata u sabiex isir ix-xoghol biex tinfetah it-triq, u qabel ma beda x-xoghol huwa baghat lil certu Tony Aquilina sabiex javza lill-bdiewa koncernati, u Julian Farrugia li kien jahdem l-istess raba’ heddu wkoll.

Illi kien wara dan kollu li dahal fuq l-artjiet in kwistjoni u fil-fatt sar biss xoghol fuq l-art li fuqha harget awtorizzazzjoni kif jidher skond rapport tal-Perit Alexander Bezzina datat 20 ta’ April 1999, tant li fl-istess rapport hemm indikat li hemm bzonn li jidhlu izjed fl-ghalqa tal-attrici, liema xoghol kien jinkludi li jitnehha ic-cint imsemmi mill-attrici, ghalkemm is-sigra imsemmija ghadha f’posta kif jidher mir-ritratt DOK. “MSA 16” u r-raba’ mhux vera saqwi peress li huwa ivverifika mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, fejn l-istess art lanqas hija registrati bhala tali.

Illi l-**Ispettur Pierre Micallef Grimaud** xehed fit-30 ta’ Novembru 2000 u sostna li kien talab il-protezzjoni Anton Camilleri sabiex ikun jista’ jaghmel xoghol ta’ ftuh ta’ triq fuq l-art in kwistjoni u fil-fatt intbghatu diversi membri tal-Pulizija ghal dan l-iskop u huwa stess telgha tlett darbiet, wara li gie verifikat li l-istess persuna kellha l-ordni li taghmel dan mill-Kummissarju tal-Artijiet. L-attrici allegat li kellha bicca art hemm u familjari taghha kien allegaw li

kienu ser itelfuhom hobzhom tant li ma riedu lill-hadd jidhol fuq l-istess art. Jaf li ix-xoghol fuq it-triq beda u kien jonqos li l-art tinghata l-asfalt u huma kienu hadu l-parir tal-Avukat Generali. F'Marzu 1999 kien diga beda ix-xoghol, u kienet inharget akkuza kontra l-istess Anton Camilleri li garr xi hamrija minghajr permess, li nstemghet f'Mejju 1999 u giet deciza fil-5 ta' Ottubru 1999 fejn il-konvenut gie liberat.

Illi **Charles Camilleri** rappresentant tal-*Lands Department* xehed fit-22 ta' Frar 2001 u kkonferma li harget l-ordni tal-esproprjazzjoni tal-art hemm indikata permezz ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern datat 31 ta' Lulju 1998 skond Dok. "CC1" u pjanta dok. "CC2". Din l-esproprjazzjoni saret *'at the expense of a third party'*, u gew indikati bhala sidien il-Perit Attard Montalto, Constantino Attard u Paul Farrugia, u l-art giet stmata bhala art agrikola u mhux bhala sit tal-bini. Fil-fatt inghatat ordni lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel ix-xogholijiet necessarji, wara li sar id-depozitu rikjest minnha, liema ordni tinsab esebita a fol. 27 tal-process iffirmata minn Albert Mamo, il-Kummissarju tal-Artijiet u ix-xoghol li sar gie esegwit f'dik il-parti kif gie ukoll konstatat.

Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet xehed fit-22 ta' Frar 2001 li l-attrici ma kieneitx indikata bhala proprjetarja, u ikkonferma li kien ta' ordni lis-socjeta' konvenuta sabiex tidhol taghmel xoghol fl-art li giet esproprjata. L-ewwel id-dipartiment baghat lil min talab li ssir esproprjazzjoni sabiex jitkellem mas-sidien, u wara li jkun ghamel hekk u ma

wasalx jibdew jipprocedu. Saret l-esproprjazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, sar il-kuntratt mas-socjeta' MS & A Developments Limited sabiex ihallas ghall-kumpens tal-istess art.

## C. REKWIZITI TA' SPOLL.

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skond l-istess artikolu, w abbazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*
(ii) *Spoliatum fuisse*
(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); "**Caterina armla Galea vs Joseph Vella**" (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u aktar recentement f' "**Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef**" (30-4-1991 JSP).

Illi din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia**

**Said**" (13 ta' Jannar 1999 Cit. Nru. 2426/97/RCP) u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et noe**" (29 ta' April 1999 Cit. Nru. 1704/98/RCP) "**Fino & Sons Limited vs Marketing and Consultancy Limited"** (1 ta' Lulju 1999 Cit. Nru 1596/98/RCP), **"Carmelo Mifsud vs Guseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000), u **"Mark Napier vs Andre Bianchi"** (P.A. R.C.P 26 ta' April 2001) diga kellha opportunita` tiddeciedi fuq spoll u ezaminat fid-dettal ir-rekwiziti ta' din l-azzjoni.

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra dik li tistabbilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* **("Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12,** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li :-

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* **("Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna" -** (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg" -** (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri -** (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche'* ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova' tal-legittimita' tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-posssessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. **("Saverio Farrugia vs Eugenio Borg.** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi irid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **“Joseph Scerri vs Spiridione Falzon”** (P.A. 24 ta’ Jannar 1958):-

*“Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta’ tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta’ tal-possessur, b’mod li jista’ jaghti lok ghall-azzjoni ta’ danni kontra min ikun ghamel dak l-att”.*

Illi dan kollu jistabbilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza **“Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia”** (A.C. 24 ta’ Novembru 1957) li:-

*“L-azzjoni ta’ reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta’ l-utilita’ socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta’ kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh, b’mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta’ disposizzjoni ta’ ligi eminentement ta’ ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li, ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti”*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Paul Carbonaro vs Norman Dimech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001); **"Carmen Mifsud vs Joseph Fsadni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Gunju 2001; **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. (RCP) 26 ta' April 2001) u li ghalihom issir riferenza.

## D. L-ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GHAL SKOPIJIET PUBBLICI.

Illi skond **l-artikolu 3 tal-Kap 88** jinghad li:-

*"Il-President ta' Malta jista' jiddikjara, b'dikjarazzjoni iffirmata minnu, illi art mehtiega ghal skop pubbliku".*

Illi l-**artikolu 9** jipprovdi li:

*"(1) Kull meta l-President ta' Malta jiddikjara li l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku, l-awtorita' kompetenti tordna li kopja ta' dik id-dikjarazzjoni (flimkien ma' dettalji bizzejjed biex tkun maghrufa liema hija dik l-art) tkun imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern, f'zewg, mill-inqas, gurnali lokali (wiehed minnhom gurnal bl-Ingliz u l-iehor gurnal bil-Malti), u fuq it-tabella ta' l-avvizi tal-Ghassa tal-Pulizija jew kif jahbar, ta' kull Ghassa tal-Pulizija tal-belt jew rahal, jew fil-limiti taghha jew tieghu, l-art tinsab".*

Illi **l-artikolu 12 tal-istess Kap 88** jipprovdi li:-

*"(1) Mad-dikjarazzjoni nnotifikata taht is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 jew warajha mill-aktar fis li jista' jkun, l-awtorita' kompetenti ghandha taghti avviz lis-sid (izjed il-quddiem imsejjah bhala 'avviz ghall-ftehim'), b'att gudizzjarju, li jkun fih l-ammont tal-kumpens, migjub fl-istima imdahhla ma' l-avviz ghall-ftehim, illi l-awtorita' kompetenti tkun trid thallas ghall-art imsemmija f'avviz ta' ftehim, u ghandha titlob illi is-sid, fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata minn dak in-nhar tan-notifika ta' dak l-avviz, jiddikjara l-ammont li huwa jkun irid bhala kumpens, u jaghti d-dettalji tal-kumpens mitlub.*

*(2) Fi zmien erbatax-il gurnata mill-gurnata tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, mehtiega taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' dikjrazzjoni maghmula taht l-artikolu 3, is-sid ta' l-art, jew min jokupaha, jekk ikun hemm, ghandhom jaghtu f'idejn l-awtorita' kompetenti l-pussess taghha.*

*(3) Wara li jaghddi z-zmien imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-awtorita' komptenti tista' minghajr ebda formalita' ohra tidhol f'din l-art u tiehu pussess taghha jew towtorizza lil xi hadd biex jidhol f'din l-art u jiehu pussess taghha u, minkejja xi restrizzjonijiet li jkun hemm fuq din l-art b'kull ligi ohra jew b'kull dokument jew xort'ohra, taghmel jew tawtorizza lil xi hadd li jaghmel f'din l-art jew*

*fuqha jew dwarha kull xoghol jew hag'ohra, tkun li tkun lil xi hadd li jkollu nteress illimitat, salv l-obbligu ta' awtorita' kompetenti li terga tqieghed kif kienet dik l-art jew thallas kumpens ghal kull dannu maghmul jekk fil-kazijiet permessi f'din l-Ordinanza l-akkwist ma jkunx tkompla".*

Illi fl-ahharnett l-**artikolu 34** jistipula li:-

*"Kull min volontarjament ma jhallix jew ifixkel persuna awtorizzata regolarment li tidhol jew tiehu pussess jew tuza art skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew jimmolesta, ma jhallix jew ifixkel lil din il-persuna, jehel multa ta' mhux aktar minn hamsin lira jew il-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur".*

## E. APPREZAMENT TAL-PROVI U APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ '*DE QUO*'.

Illi kwantu ghall-ewwel eccezzjoni li l-konvenut propju mhux il-legittmu kontradittur, jidher li l-istess konvenut agixxa fil-veste tas-socjeta' konvenuta MS & A Developments Limited, f'materja ta' spoll u ghalhekk ghall fini tac-citazzjoni kif redatta, la darba l-istess persuna kienet effettivament qeghda biss fuq il-post, u ix-xoghol kien materjalment qed jigi esegwit mill-istess socjeta' tramite il-kuntrattur taghha s-socjeta' konvenuta l-ohra, il-konvenut proprju ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar il-mertu tal-kawza odjerna jinghad li l-fatti f'dan il-kaz ma humiex realment kontestati u fil-fatt jirrizulta mill-provi prodotti li l-attrici hija proprjetarja tal-art deskritta fic-citazzjoni attrici u kienet tidditjeni l-istess art sakemm fil-25 ta' Marzu 1999 l-konvenut Anton Camilleri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta MS & A Developments Limited fil-presenza ta' tlett Pulizija li kienu qed jassistuh permezz ta' gaffa ta' Bonavia Brothers Limited beda jifforma triq fl-istess inhawi tal-istess ghalqa tal-attrici u proprjetarji ohra, tant li tkisser l-istess hajt tas-sejjiegh li jifred l-istess ghalqa ma' Patrick Brydon Street, u ukoll twaddab xi materjal, trab u gebel fl-istess parti mill-istess ghalqa, u l-ghada l-istess konvenuti dejjem bl-assistenza tal-forzi tal-ordni tal-pajjiz komplew iwittu l-istess triq bit-terrapien, b'mod li f'parti mill-istess proprjeta' tal-attrici giet iffurmata it-triq li tidher fir-ritratti u pjanti esebiti fil-process u li ghalihom saret riferenza miz-zewg partijiet fil-kawza.

Illi l-istess socjetajiet konvenuti issostnu li l-parti tal-art proprjeta' tal-attrici li dahlu fiha sabiex ghamlu ix-xogholijiet mertu tal-kawza odjerna kienet parti mill-art li giet espropriata' mill-Gvern b'dikjrazzjoni tal-President ta' Malta skond **artikolu 3 tal-Kap 88** u giet pubblikata *ai termini* tal-**artikolu 9 tal-istess** fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Lulju 1998 kif jidher mill-istess dikjarazzjoni a fol. 23 u 50 V tal-process skond pjanta 40/98 li tinsab esebita a fol. 94 tal-process u li s-socjeta' konvenuta giet awtorizzata *ai termini*

tal-**artikolu 12 (3)** sabiex jidhol fiha u jiehu pussess taghha skond ittra mill-Kummissarju tal-Artijiet datata 11 ta' Novembru 1988 esebita bhala Dok. "MSD 9" a fol. 50 X tal-process.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li ghalkemm l-istess attrici kellha l-pussess tal-istess art sa qabel id-data tad-dikjarazzjoni tal-President *ai termini* tal-**artikolu 3 tal-Kap 88** ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Lulju 1998, dan il-pussess tal-istess attrici spicca fuq dik il-parti tal-art taghha li giet suggetta ghad-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni b'effett mit-terminu ta' erbatax (14)-il gurnata mill-istess data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni li tali art kienet mehtiega ghal skop pubbliku, u dan ghaliex fl-istess terminu ta' 14-il jum l-istess attrici kemm bhala proprjetarja u kemm bhala l-persuna li kienet tokkupa l-istess art kellha l-obbligu li taghti lill-awtorita' kompetenti il-pussess tal-istess art u fin-nuqqas li taghmel dan *ai termini* ta' l-**artikolu 12 (3)** wara l-iskadenza ta' tali terminu l-awtorita' kompetenti kellha id-dritt li hija tidhol fl-istess art jew tiehu l-pussess taghha jew tawtorizza lil xi hadd biex jidhol fl-istess art u jiehu l-pussess taghha hu.

Illi mela allura jirrizulta li la darba id-dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fil-31 ta' Lulju 1998, l-attrici kellha sal-20 ta' Awissu 1998 (wara 14 il-gurnata utili) sabiex hija minn jedda taghti l-pussess tal-istess art lill-awtorita' kompetenti, u b'effett mill-21 ta' Awissu 1998, hija

legalment tilfet il-pussess pacifiku tal-istess art skond id-disposizzjonijiet citati tal-**Kap 88,** b'dan li l-istess ligi tawtorizza lill-istess Awtorita' kompetenti, u cioe` il-Kummissarju tal-Artijiet jew persuni awtorizzati minnu sabiex ukoll effettivament jiehdu l-pussess tal-istess art *de facto* bil-mezzi kollha possibbli u elenkati fl-istess **artikolu 12 (3),** tant li min jittenta jwaqqaf l-istess process tal-awtorita' jew ta' persuna minnha inkarigata sabiex tidhol fl-istess art jitqies bhala reat *ai termini* tal-**artikolu 34 tal-Kap 88.**

Illi ghalhekk huwa ovvju li l-azzjoni ta' spoll attrici f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax tirnexxi stante li l-element ta' pussess jew detenzjoni ma baqax jezisti fil-konfront tal-attrici almenu mid-data tal-21 ta' Awissu 1998, stante li l-istess pussess gie *ex lege* u in forza tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fil-31 ta' Lulju 1998 pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-istess data flimkien mad-dekors taz-zmien imsemmi fl-**artikolu 12 (2) (3)** vestit fl-istess awtorita' kompetenti li bis-sahha tal-ordni minnha moghtija fil-11 ta' Novembru 1998 awtorizzat lis-socjeta' konvenuta MS & A Developments Limited sabiex tiehu pussess tal-istess art, kif l-istess awtorita' kompetenti kellha d-dritt u s-sahha li taghmel skond l-**artikolu 12 (3)** fuq citat.

Illi isegwi li la darba l-istess socjeta' konvenuta appena indikata kienet hekk awtorizzata mill-awtorita' kompetenti, meta hija bdiet ix-xoghol lamentat fuq il-proprjeta' attrici fil-

25 ta' Marzu 1999, hija kienet tramite ukoll l-istess awtorita' kompetenti vestita fil-pussess tal-istess art hekk esproprjata' w awtorizzata biex tidhol u taghmel ix-xogholijiet necessarji fuq l-istess art, la darba il-procedura kollha *ai termini* tal-**Kap 88** giet segwita bid-dikjarazzjoni li tali art kienet mehtiega ghal skop pubbliku, bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-**artikolu 12 (1),** bid-dekors tal-14 il-jum utili imsemmija fl-**artikolu 12 (2)** u bl-awtorizzazzjoni mill-awtorita' kompetenti skond l-**artikolu 12 (3).**

Illi l-attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha donna qed issostni li l-procedura tal-**Kap 88** ma gietx segwita peress li ma sarux in-notifiki lilha skond l-**artikolu 9 (2) u l-artikolu 12 (1)** cjoe' notifika lilha b'att gudizzjarju u l-pubblikazzjoni f'zewg gazzetti lokali u fl-Ghassa jew Ghasses tal-Pulizija.

Illi pero' fil-kuntest ta' din il-kawza li titratta dwar pussess tali notifiki indikati mill-attrici ma ghandhom ebda rilevanza stante li l-**Kap 88** jirrikjedi tali notifiki ulterjuri mhux ghad-determinazzjoni ta' pussess, izda ghall-iskop uniku sabiex tigi mibdija il-procedura quddiem il-Bord ta' Arbitragg tal-Artijiet sabiex tigi akkwistata l-istess art mill-awtorita' kompetenti u biex jigi determinat l-ammont ta' kumpens li jkun dovut lis-sid tal-istess art.

Illi infatti tali necessita` ta' notifiki ulterjuri li ghalihom irreferit l-attrici huma indikati biss fl-**artikolu 12 (1)** tal-**Kap**

**88,** filwaqt li l-**artikolu 12 (2)** li jittratta dwar iz-zmien meta is-sid ghandu minn jeddu jaghti lill-awtorita' kompetenti il-pussess tal-art fit-terminu hemm indikat, jirreferi ghall-gurnata *tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern* biss u allura huwa ovvju li dik il-pubblikazzjoni biss hija mehtiega ghall-komputazzjoni tal-14-il gurnata indikata fl-istess sub-artikolu appena citat. Dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa ovvju ghaliex kieku l-ligi riedet notifiki jew pubblikazzjoni ulterjuri ma kienitx issemmi biss il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u allura japplika l-principju *ubi voluit dixit.* Fit-tieni lok ma jaghmilx sens li jissemmew notifiki u pubblikazzjonijiet ohra, stante li skond l-istess **artikolu 12 (2)** tali terminu kellu jiddekori mill-gurnata tal-pubblikazzjoni fl-istess Gazzetta tal-Gvern u mhux mid-data jew dati ta' pubblikazzjonijiet ohra.

Illi infatti u konformament mal-premess gie ritenut fis-sentenza **"Baruni Alexander Jan D'Amico Inguanez vs Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier et"** (P.A. (A.M) 8 ta' April 1954) li sostniet proprju dak li gja gie ritenut f'din is-sentenza u cjoe' li:-

*"L-awtorita' espropjanti tista' tokkupa l-art esproprjata malli jkunu ghadde erbatax il-gurnata utili ghall-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fil-Gazzetta tal-Gvern, jekk sid l-art jew min ikun qed jokkupaha, jekk ikun hemm, ma jkunux taw lill-awtorita' kompetenti l-pussess ta' dik l-art.*

*Dak iz-zmien ta' erbatax-il gurnata jibda jghaddi mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fil-Gazzetta tal-Gvern, u l-awtorita' kompetenti, dejjem ghall-finijiet ta' pussess, ma ghandhiex bzonn tinnotifika dik id-dikjarazzjoni lis-sid ta' l-art jew lil min ikun jokkupaha".*

*"Sakemm jigi osservat l-imsemmi terminu, ma hux mehtieg ebda permess tal-Land Arbitration Board biex l-awtorita' kompetenti tkun tista' tiehu l-pussess ta' l-art esproprjata' u tokkupaha. Dak il-permess huwa mehtieg fil-kaz li l-awtorita' kompetenti tkun trid il-pussess ta' l-art immedjatament qabel ma jkunu ghaddew dawk l-erbatx-il gurnata".*

Illi din il-Qorti a skop ta' din il-kawza hija limitata biex tara jekk il-procedura taht il-**Kap 88** gietx sewgita, u kemm il-darba hekk ikun il-kaz, l-effett taghhom huwa li jvestu il-pussess tal-istess art esproprjeta` fl-awtorita' kompetenti ovvjament bl-esklussjoni f'dan il-kaz tal-attrici, tant li kull tentattiv minnha jew minn persuni ohra sabiex jwaqqfu lill-awtorita' komptenti milli tiehu f'idejha l-istess art ikun konsidrat bhala reat skond l-**artikolu 34 tal-istess Kap 88.**

Illi l-effett ta' tali dikjarazzjoni tal-President ghal tehid ta' art ghall-iskop pubbliku maghmula *ai termini* tal-**artikolu 3 tal-istess Kap 88** u pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-**artikolu 12 (2)** giet ikkunsidrata fis-sentenza fl-ismijiet

**"John Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et"** (Q.K. 6 ta' Ottubru 1999) fejn inghad illi:

*"Id-dikjarazzjoni tal-President ta' malta maghmula bis-sahha ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88), kienet pubblikata skond u ghall finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza, u kienet tispecifika li l'art … … hija mehtiega mill-Awtorita' kompetenti ghal skop pubbliku … ... u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut". L-effett guridiku ta' proprjeta' milquta b'dikjarazzjoni tal-President dwar l-iskop pubbliku taghha, fit-termini tal-Kap 88 hu illi 'l-Awtorita' kompetenti tista' tittratta u tiddisponi minn art akkwistata minnha b'dak il-mod u suggetta ghal dawk il-kondizzjonijiet kif jidrilha xieraq, wara li tiehu kont ta' l-interesss jew qadi tal-pubbliku". "Dan ifisser illi l-Awtorita' kompetenti takkwista d-disponibilita' shiha tal-fond deskritt fid-dikjarazzjoni tal-President. Disponibilita' mill-aktar wiesgha kif il-provedimenti varji fl-istess Ordinanza jelenkaw u dan ad esklussjoni tas-sid li, minn dak il-mument, jigi ezawtorat minn kull jedd fuq dik il-proprjeta' li jgawdiha jew b'xi mod jiddisponi minnha. Jibqa' pero' indubbjament, il-proprjetarju tal-fond, u dan sakemm isir il-kuntratt ta' trasferiment tal-fond favur l-awtorita' komptenti, f'dan il-kaz bit-titolu ta' bini assolut. Dan hu aktar car mis-subinciz (1) ta' l-artikolu 32 li jipprovdi expressis illi ebda haga f'din l-Ordinanza m'ghandha titiehed bhala li ggieghel lill-awtorita' komptenti tikkompleta l-akkwist ta' l-art, hlief jekk l-awtorita'*

*kompetenti tkun hadet pussess ta' l-art, jew tkun naqset fi zmien xahar mid-decizjoni tal-Bord (kostitwit bl-istess Ordinanza) illi l-awtorita' kompetenti mhix behsieba tghaddi ghall-akkwist.*

*Provvediment dan li jfisser illi hu perfettament possibbli u previst illi nonostante id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, l-awtorita' kompetenti taghzel li ma tiehux pussess ta' l-art, u dan nonostante wkoll l-obbligu fis-subinciz (2) tal-artikolu 12 ta' l-istess Ordinanza, li 'fi zmien erbatax-il gurnata mill-gurnata tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern … … … is-sid ta' l-art, jew min jokkupaha, ghandhom jaghtu f'idejn l-awtorita' kompetenti l-pussess taghha', Dan ifisser illi d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta indubbjament ghandha certi effetti mmedjati li jolqtu l-proprejta' deskritta fid-dikjarazzjoni. Ghandha certament effetti li mmedjatament jinnewtralizaw dawk id-drittijiet tal-proprjetarju li jigu bil-ligi vestiti fl-awtorita' kompetenti. Id-dikjarazzjoni ta' l-esproprju nfisha pero', ma tizvestix lis-sid mid-drittijiet proprjetarji tieghu, u dan jigri biss bil-pubblikazzjoni ta' l-att ta' akkist kif previst fl-istess dikjarazzjoni. Inoltre hu perfettament possibbli ghall-awtorita' kompetenti li taghzel li ghal xi raguni, tkun xi tkun, ma tassumix il-pussess materjali tal-fond u tippermetti d-disponibilita' shiha tieghu f'idejn is-sid, kif kienet qabel ma harget id-dikjarazzjoni, naturalment minghajr bl-ebda mod ma titnaqqas l-effikacja tal-istess dikjarazzjoni tal-President.*

*Dan iffiser illi indubbjament id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta mahruga fil-1977 teoretikament, u certament legalment, kellha titqies li ddisturbat lir-rikorrenti qua sidien mit-tgawdija pacifika tal-possidimenti taghhom … … …".*

Illi ghalehkk l-esproprjazzjoni ghandha dan l-effett immedjat ghaliex hija meqjusa bhala *"materja eminentement ta' utilita' pubblika u l-istitut infatti qieghed kollu jirpoza fuq dik id-dikjarazzjoni li jaghmel il-Kap tal-Gvern ta' necessita' ta' sit jew ta' lok li ghandu jigi espropjat ghall-fini ta' utilita' pubblika. Huwa stabbilit illi l-ligijiet ta' utilita' pubblika jkollhom attazzjoni immedjata ghal dak li jirrigwarda proceduri, u dan precizament jirpoza fuq il-principju li la darba l-legislatur fl-istitut bhal dan ta' utilita' pubblika dahhal proceduri godda, dawn ghandhom jidhlu immedjatament in vigore…"* **("Giorgio Cutajar et vs James Galizia O.B.E. nomine et" –** A.C. 21 ta' Frar 1938 – XXX. i. 56).

Illi fil-fatt dan id-dritt ta' espropjazzjoni li huwa ezercitat ghall-utilita' pubblika ma huwiex sindakkabbli mill-Qorti sakemm jigi ezercitat mill-awtorita' kompetenti u fil-forma preskritta mill-ligi, *"u hekk ukoll hija insindakabbli l-esekuzzjoni ta' dan id-dritt, li hija parti u haga wahda mal-istess dritt … ... ghaliex l-esproprjazzjoni aktar minn dritt hija dover"* **("Nobbli Gioacchino dei Baroni Attard**

**Montalto vs Onor. Edgar Cuschieri O.B.E. nomine” P.A.** (A.M) 27 ta’ Gunju 1953 – XXXVII O. ii. 749).

Illi dwar it-talbiet ta’ danni kontenuti fic-citazzjoni attrici, hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti, li tali talba ghad-danni ma hijiex kompatibbli ma’ l-azzjoni ta’ spoll; pero’ apparti dan jinghad f’dan il-kaz partikolari ta’ esproprjazzjoni, tali konsiderazzjonijiet huma ikkonsidrati fl-istess **Kap 88** u jittiehdu in konsiderazzjoni kemm fl-iffissar ta’ kumpens mill-Bord skond l-istess Att (artikolu 27 (1) (b) (iii)) u wkoll f’kazijiet ohra inkluz dak imsemmi fl-**artikolu 32,** u ghalhekk certament ma huwiex il-kaz li dawn it-talbiet jigu kkunsidrati f’din l-azzjoni ghaliex s-socjetajiet konvenuti agixxew skond il-ligi, u ghalhekk ma hijiex kwistjoni ta’ danni, izda *se mai* kumpens li jista’ jintalab minghand l-awtorita’ kompetenti skond l-istess **Kap 88**.

Illi ghalehkk abbazi tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lill-konvenut Anton Camilleri mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad it-talbiet kollha attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru 2001**